

Il-Ġurnal Uffiċjali C 374

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

22 ta' Ottubru 2014

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|---|---|
| 2014/C 374/01 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7392 — Advent International/ Corialis) ⁽¹⁾ | 1 |
|---------------|---|---|

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|---|---|
| 2014/C 374/02 | Rata tal-kambju tal-euro | 2 |
| 2014/C 374/03 | Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni | 3 |

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|---|---|
| 2014/C 374/04 | Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri tal-antidumping | 4 |
|---------------|---|---|

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

| | | |
|---------------|---|---|
| 2014/C 374/05 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7416 — RREEF/ECE/PalaisQuartier) ⁽¹⁾ | 5 |
|---------------|---|---|

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.7392 — Advent International/Corialis)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 374/01)

Fl-14 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32014M7392. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-21 ta' Ottubru 2014

(2014/C 374/02)

1 euro =

| Munita | Rata tal-kambju | Munita | Rata tal-kambju | | |
|--------|--------------------|---------|-----------------|---------------------------|-----------|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2762 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4356 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 136,20 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,8987 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4470 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5965 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79000 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6222 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,2004 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 345,98 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2068 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,0062 |
| ISK | Krona İzlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8147 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,3670 | HRK | Kuna Kroata | 7,6665 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 308,47 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,613 | MYR | Ringgit Malajżjan | 4,1648 |
| HUF | Forint Ungeriż | 306,38 | PHP | Peso Filippin | 57,147 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 52,3621 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2184 | THB | Baht Tajlandiż | 41,196 |
| RON | Leu Rumun | 4,4170 | BRL | Real Brażiljan | 3,1766 |
| TRY | Lira Turka | 2,8584 | MXN | Peso Messikan | 17,2351 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4475 | INR | Rupi Indjan | 78,1047 |

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2014/C 374/03)



Wiċċ nazżjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Latvja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinn tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Il-Latvja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-Presidenza Latvjana tal-Kunsill tal-UE

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri l-logo uffiċjali tal-Presidenza Latvjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-logo huwa kkumplimentat mill-kitba LATVIJAS PREZIDENTŪRA ES PADOMĒ ("IL-PRESIDENZA LATVJANA TAL-KUNSILL TAL-UE") u l-websajt tal-Presidenza "EU2015.LV"

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Numru ta' muniti li għandhom jinħarġu: 2 miljuni

Data approssimattiva tal-ħruġ: Jannar 2015

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri tal-antidumping

(2014/C 374/04)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li jkunu suġġetti għal dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, il-Kummissjoni Ewropea tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-oportunità li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. Limitu ta' żmien

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li għandha tasal għand European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1000 Brussell, il-Belġju ⁽²⁾ fi kwalunkwe żmien wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

| Prodott | Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' skadenza ⁽¹⁾ |
|--------------------|--|-------------------|--|----------------------------------|
| Ċiklamat tas-sodju | Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina L-Indoneżja | Dazju antidumping | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 492/2010 (ĠU L 140, 8.6.2010, p. 2) | 9.6.2015 |

⁽¹⁾ Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ Faks: +32 22956505.

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7416 — RREEF/ECE/PalaisQuartier)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 374/05)

1. Fl-14 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. Permezz tagħha: l-impriża RREEF Spezial Invest GmbH ("RREEF", il-Ġermanja), li hija kkontrollata mill-Grupp tad-Deutsche Bank, u ECE Projektmanagement GmbH & Co. KG ("ECE", il-Ġermanja), li huwa kkontrollat minn KG CURA Vermögensverwaltung GmbH & Co. (il-Ġermanja), jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Immobili Shoppingcentre MyZeil ("MyZeil", il-Ġermanja), li huwa parti mill-portafoll ta' proprjetà immobbli PalaisQuartier GmbH & Co. KG ("PalaisQuartier", il-Ġermanja), permezz tax-xiri ta' ishma u ta' kuntratt ta' aġenzija. Barra min hekk hija l-intenzjoni li RREEF, permezz tax-xiri ta' ishma, takkwista l-kontroll waħdani tal-erba' proprjetajiet immobbli l-oħra li huma parti mill-portafoll ta' proprjetà immobbli PalaisQuartier.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal RREEF: l-amministrazzjoni ta' fondi ta' proprjetà immobbli miftuħa fil-Ġermanja u l-investment madwar id-dinja kollha fil-proprjetà immobbli.
 - għal ECE: servizz ta' konsulenza u ġestjoni dwar l-akkwist, it-tfassil, il-pjanifikazzjoni u l-konstruzzjoni ta' binjiet kummerċjali u ta' beni immobbiljari oħra, kif ukoll il-kiri, il-ġestjoni, l-isfruttar u l-bejgħ ta' dawn il-beni;
 - PalaisQuartier huwa portafoll ta' proprjetà immobbli, li jikkonsisti minn ċentru kummerċjali (MyZeil), garaxx għall-parkeġġ, binjiet ta' uffiċċji, żoni għall-gastronomija u l-attivitajiet pubbliċi, kif ukoll lukanda.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Dawn jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' faks (+32 22964301), E Mail (COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu), jew bil-posta, bir-referenza M.7416 — RREEF/ECE/PalaisQuartier, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT